# PRIM' AWLA TAL-QORTI ĊIVILI

**IMĦALLEF**
**ONOR. ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAL-25 TA' OTTUBRU, 2024**

**Kawża Numru:**

**Rik. Ġur. 648/2018 RGM**

**360 Retail Supplies Limited (C-64990)**

**vs.**

**FAD Enterprises Co. Ltd (C-71214)**

**Il-Qorti**

1. Rat li bis-saħħa ta' rikors ġuramentat ippreżentat fil-21 ta' Ġunju 2018 is-soċjetà attriċi ppremetiet u talbet lill-Qorti s-segwenti:

    1) "Illi s-soċjetá intimata kienet ordnat minghand is-socjeta' rikorrenti merkanzija konsistenti fi xkaffar, trolley, stackable bins u display bins versu l-prezz ta' €7,262.58, u dan kif jirrizulta mill-annessi invoices (Dok B, C u D).

    2) Illi effetivament, s-soċjetá rikorrenti ordnat u ottjeniet tali merca minn barra skont l-ordni specifika maghmula mis-socjeta' intimata.

    3) Illi però, is-soċjetá intimata hadet biss parti mit-trolleys ordnati u halliet il-kumplament ghand is-socjeta' rikorrenti.

    4) Illi in oltre s-socjeta' intimata hallset biss parti minn dan l-ammont u rrifjutata li thallas il-bilanc dovut.

5) Illi għalhekk, s-soċjeta rikorrenti ilha minn Settembru tas-sena 2017 tahzen il-merkanzija u s-socjeta' intimata naqset li tiehu, u dan a spejjeż tagħħa.

6) Illi effetivament s-soċjetá rikorrenti għada qiegħda ssofri danni u dan għaliex għada qiegħda tahzen l-istess merca b'telf ta' xogħol ghas-soċjetá rikorrenti. Sat-28 ta' Frar 2018 l-ispejjez rigwardanti magazzinacc ta' din il-merca telghat ghall-ammont ta' €4,770.15 kif jirrizulta mill-annessa invoice Dok A. Pero dan l-ammont qed jizdied peress illi s-socjeta' rikorrenti ghadha qed tbati dawn l-ispejjez kuljum.

7) Illi għad lis-soċjetá rikorrenti interpellat lis-soċjeta intimata sabiex tħallas l-ammont dovut, anke permezz ta' ittra uffiċjali ai termini tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta bin-numru 57/1, din baqgħet parzjalment inadempjenti peress illi hallset biss parti mill-ammont.

8) Illi in effetti s-socjeta' konvenuta hallset biss is-somma ta' €5,810.06 u dan fil-25 ta' April 2018 u qed tirrifjuta li thallas il-bilanc.

9) Illi d-direttur Jonathan Sciberras jiddikjara li huwa jaf b'dawn il-fatti personalment.

Għaldaqstant, s-soċjetá esponenti titlob umilment li din l-Onorabbli Qorti jogħġobha:

1) Tiddikjara illi s-socjeta' rikorrenti hija kreditrici tas-socjeta' intimata f'somma li ghad trid tigi likwidata minn din il-Qorti rappresentanti bilanc dovut fuq merca ordnata mis-socjeta' intimata.

2) Tiddikjara illi oltre dan l-ammont, is-socjeta' rikorrenti kellha wkoll tinkorri spejjez ta' magazzinacc minhabba n-nuqqas tas-socjeta' intimata li tigbor il-merca minnha ordnata.

3) Tillikwida s-somma ai fini ta' l-ewwel u t-tieni talbiet.

4) Tordna lis-soċjetá intimata tħallas l-ammont hekk likwidat.

Bl-ispejjeż, inklużi dawk tal-ittra uffiċjali a tenur tal-artikolu 166A tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta numru 57/18, l-imgħax u l-intimati in subizzjoni."

2. Rat li s-soċjetà konvenuta resqet ir-risposta ġuramentata tagħha fit-22 t'Awwissu 2018 fejn eċċepiet

(1) "Illi preliminarjament u minghajr pregudizzju, l-esponenti qeghda tinvoka il-*privilegium fori* stante illi l-konvenuta FAD Enterprises Co Ltd hija residenti Ghawdex u dana hekk kif jirrizulta mir-rikors guramentat stess u ghalhekk dina dina l-kawza ghandha tinstema fil-Qorti ta' Ghawdex;

(2) Illi fil-mertu u minghajr pregudizzju, t-talbiet tal-attrici huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attrici u dana stante li l-fatti kif esposti mis-socjeta` attrici assolutament ma jirrizultawx;

(3) Illi jirrizulta illi is-socjeta` esponenti ssaldat il-kontijiet kollha li kellha mas-socjeta` rikorrenti u li ma baqa ebda ammont dovut;

(4) Illi jirrizulta ukoll illi kienet is-socjeta` rikorrenti illi naqset mill-obbligi taghha u dana kif ser jigi dettaljatament spjegat matul il-kawza;

(5) Illi in oltre l-istess socjeta` rikorrenti ma tistax tippretendi ebda hlasijiet ta' storage fees u/jew danni minghand is-socjeta` esponenti;

(6) Illi in oltre u dana minghajr pregudizzju jirrizulta illi d-danni pretizi huma totalment esagerati;

(7) Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt;

Bl-ispejjez."

3. Rat li l-ewwel eċċezzjoni preliminari tas-soċjetà konvenuta ġiet miċħuda b'sentenza *in parte* tal-31 ta' Jannar 2019.

4. Rat il-provi u l-atti kollha tal-kawża.

5. Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet[1] [2].

6. Rat li l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

**Provi**

7. **Jonathan Sciberras**, direttur tas-soċjetà attriċi fisser li huwa kien ġie ikkuntattjat f'Awwissu 2017 minn David Aquilina u nformah li kien ser jiftaħ

[1] Fol 151 et seq tal-proċess.

[2] Fol 166 et seq tal-proċess.

ħanut ġdid ġewwa l-Mosta bl-isem Iceland. Jispjega li l-għada ltaqa' miegħu fuq il-post sabiex jispjegalu x'kellu bżonn jordna inkluż xkaffar, *display bins* u *trolleys*. Jgħid li huwa kien informa lil Aquilina li t-*trolleys* riedu jiġu ordnati u li għandhom madwar 8 u 10 ġimgħat biex jaslu u Aquilina kkonferma l-ordni u anzi talbu sabiex dawn it-*trolleys* jiġu *branded* bl-isem Iceland (ix-xhud ippreżenta korrispondenza datata 6 ta' Lulju 2017 ta' kif għandha tkun tidher il-logo)[3]. Jispjega li meta t-*trolleys* wasslu, il-klijent ġie ikkuntattjat sabiex issir il-kunsinna u hekk għamlu. Ikompli jgħid li meta x-xufier tagħhom mar biex jagħmel il-kunsinna, ġiet aċċettata biss parti mill-kunsinna u ċioe 35 *trolleys* minn 70 u r-raġuni mogħti mill-klijent kienet li ma riedx jistenna xahrejn biex jinqiegħda u qabad u xtara li kien sab fis-suq. Jgħid li l-kunsinna kienet ġiet maqsuma fi 2 għaliex ma kinux joqgħodu t-*trolleys* kollha iżda 35 biss u kien għalhekk li t-tieni vjaġġ ma ġiex aċċettat u l-vjaġġ ma sarx bl-intiża però li jiddiskutu u jaraw meta jista' jeħodhom. Ix-xhud qal li David Aquilina kien informah li ser jiftaħ ħanut ieħor u kien ser jeħodhom mingħajr dewmien. Ix-xhud jgħid li wara diversi xhur huma kienu infurmaw lil Aquilina li ma jistawx iżommu t-*trolleys* aktar ġol-maħżen għax kien qiegħed itellfilhom xogħol ieħor minħabba limitazzjoni ta' spazju. Ix-xhud jispjega li huwa informa lil Aquilina bil-miktub fit-28 ta' Marzu 2018 fejn talbu jieħu t-*trolleys* u sabiex isir il-ħlas u avżah ukoll li jekk fi żmien għaxart ijiem ma kinux ser jinġabu kien ser ikollu jżommilhom tal-ispazju meħud fil-maħżen bir-rata ta' €35 eskluż VAT għal kull ġurnata. Aquilina irrisponda għal dik il-korrispondenza u qallu li kien qiegħed jirrifjuta li jagħmel il-ħlasijiet. Ix-xhud ikkonferma li l-ħlas tal-konsenja marbuta mal-ewwel vjaġġ sar. Ix-xhud spjega li wara li għaddew l-għaxart ijiem huma ħarġu l-fattura tagħhom flimkien mal-i*storage charge* li kienet tkopri l-ewwel tliet xhur bil-quddiem. Mistoqsi dwar xkaffar, ix-xhud ikkonferma li kienu għamlulhom xkaffar ukoll fl-istess ħanut u kien sar il-ħlas tiegħu. Ikompli jgħid li "*ix-xogħol l-ieħor kollu li konna għamilna lill-kumpanija konvenuta kien sar u tħallas*."[4] Mistoqsi kemm ħadu spazju t-*trolleys* ix-xhud jgħid li qisu 10 *cubic metres*. Ix-xhud spjega li kienu tilfu xi xogħol minħabba nuqqas ta' spazju peress li kien għad fadlilhom ix-xogħol tas-soċjetà konvenuta.

Mistoqsi in kontro-eżami jekk kienx qal lill-kumpanija konvenuta jekk it-*trolley* kellhomx idumu 8-10 ġimgħat jew 5-6 ġimgħat, ix-xhud jgħid li huwa kien qalilhom li ser idumu bejn 8 – 10 ġimgħat. Mistoqsi allura kif fl-email mibgħuta f'Lulju 2017 kien indika 5-6 ġimgħat, ix-xhud spjega li dak kien qiegħed jirreferi għal prodotti oħra. Ix-xhud ikkonferma li s-soċjetà konvenuta aċċettat nofs l-ordni tat-*trolleys*. Mistoqsi għalfejn ippretenda li s-soċjetà konvenuta tieħu l-kumplament huwa wieġeb "*għax dawn kienu branded għalihom u li kellhom jeħduhom irrispettivament mid-delivery date*."[5] Mistoqsi jekk kienx inbidel xi ħaġa bejn Settembru 2017 u Marzu 2018, ix-xhud jgħid li xejn ma inbidel għajr li

[3] Fol 47 tal-proċess.

[4] Fol 45 tal-proċess.

[5] Fol 141 tal-proċess.

baqgħu jinsistu li jeħduhom. Mistoqsi jekk il-post tagħhom huwiex mikri jew tagħhom, ix-xhud jgħid li l-*premises* huwa tagħhom. Mistoqsi joffrux servizzi ta' *warehousing* ix-xhud wieġeb li joffru servizz ta' *storage il-ċertu klijenti tagħhom.*"

8. Xehed **Massimo Muscat**, *delivery man* mas-soċjetà attriċi. Jispjega li huwa kien ġie ordnat sabiex jagħmel kunsinna ġewwa l-ħanut Iceland, il-Mosta. Jgħid li kien mar b'35 *trolley* iżda suppost kellu jagħmel vjaġġ ieħor b'35 *trolley* ieħor. Jgħid li wara ħatt l-ewwel kunsinna huwa kien informa lill-persuna li kien hemm fil-ħanut (jgħid li ismu ma jiftakrux) li kien sejjer bit-tieni kunsinna iżda dan kien qallu biex ma jieħu xejn għax ma riedhomx. Jgħid li huwa dak il-ħin ċempel lill-imgħallem tiegħu Jonathan Sciberras u kien qallu sabiex imur lura u li kien ser jieħu ħsieb hu. Mistoqsi meta mar jagħmel il-kunsinna jgħid li ma jiftakarx eżatt u lanqas ma jiftakar jekk għamilx kunsinna oħra fl-istess ħanut.

9. Xehed **Ivan Ghio**, direttur u azzjonist tas-soċjetà attriċi. Fisser li s-soċjetà konvenuta għamlet ordni għat-*trolleys branded* u meta saret il-kunsinna tagħhom, kienu ġew infurmati li huma riedu parti minnhom u l-parti l-oħra ma riduhomx għax xtraw *trolleys* minn x'imkien ieħor. Jgħid li huwa kien ħalla n-negozjati f'idejn Jonathan Sciberras. Jgħid li t-trolleys għadhom fil-maħżen tagħhom.

   Mistoqsi in kontro-eżami x'kien l-involviment tiegħu, wieġeb li ma kienx involut fin-negozjati. Mistoqsi jekk Jonathan kienx qallu li l-kunsinna ma riduhiex għax kien hemm dewmien fil-kunsinna, ix-xhud jgħid li huwa basar li s-soċjetà konvenuta kienet ser toħroġ b'dik l-iskuża għax huwa kellu *issue* simili ma' Simon Said. Mistoqsi jekk huwa kienx kellem lil Ray Mintoff dwar *trolleys*, ix-xhud jgħid li huwa qatt ma kellem lil Mintoff fuq *trolleys* u jiċħad li David Aquilina kien kellmu sabiex ikellem lil Ray Mintoff dwar it-*trolleys*.

10. Xehed **Clint Catania**, li għandu tlett kumpaniji. Jgħid li huwa kien ikkuntattja lil 360 Retail Supplies Ltd għal spazju fil-maħżen għal żmien mhux determinat. Mistoqsi meta għamel it-talba huwa jgħid li jrid jiċċekkja. Jgħid li s-soċjetà attriċi kienet iżżommlu €45 kuljum. Jgħid li s-soċjetà attriċi iżda ma setgħetx itih spazju minħabba li kellha *trolleys* li kellhom suppost jitqassmu u meta jitqassmu jidħol hu iżda jgħid li qatt ma daħal. Huwa ppreżenta tliet kontijiet li nħarġu fuq waħda mill-kumpaniji tiegħu għal spazju mikri minnu, jgħid li huwa ried aktar spazju ma dak li diġà kellu iżda kif diġà ingħad dan l-ispazju ma ingħatalux. Jgħid li huwa kellu jirrikorri għand maħżen ieħor b'rata ta' €65. Huwa fisser li jekk jiġi mitlub l-irċevuti għal dak il-maħżen huwa lest jippreżentahom.

    In kontro-eżami huwa jgħid li kien iħallas €45 għal 4 jew 5 metri kubi li kien *dry storage*. Jgħid li wara li s-soċjetà attriċi ma kellhiex spazju huwa xtara garaxx flok baqa' jikri spazju.

11. Xehed **David Aquilina** fejn fisser li huwa azzjonist mas-soċjetà konvenuta u kellu involviment dirett fin-negozjati mas-soċjetà attriċi. Jispjega li kull darba li bħala franchisees ta' Iceland kienu ser jiftħu xi ħanut huma dejjem ikkuntattjaw lis-soċjetà attriċi għal xkaffar u *supplies* ta' ħanut bħal *trolley, cash registers, etc*. Fisser li l-ewwel jumejn jew tlieta ta' Lulju 2017 huwa kien ċempel lil Jonathan Sciberras fejn informah li ser jiftħu ħanut ġdid il-Mosta. Jgħid li Sciberras mar fil-5 ta' Lulju 2017 sabiex jara x'hemm bżonn sabiex jinfetaħ il-ħanut. Jgħid li huwa kien informah li kienu qed jipproġġettaw li jiftħu għal ġimgħa ta' Santa Marija u jgħid li Jonathan kien qallu li biex tiftaħ għal dik il-ġimgħa kien hemm il-ħtieġa li ssir l-ordni għat-*trolleys* immedjatament. Jgħid li huma baqgħu li Sciberras kellu jibgħatlu stima b'*email*. Jgħid li l-*email* irċiviha fis-6 ta' Lulju, l-għada li ltaqgħu fejn kwotalu l-prezzijiet tat-*trolleys*. Jgħid li huwa kien ġie infurmat minn Sciberras fl-istess *email* li t-*trolleys* ikunu Malta bejn 5 – 6 ġimgħat. Jgħid li kif appena qara l-email huwa ikkonfermalu b'*email* datata 6 ta' Lulju fejn fit-titolu kitiblu "*Order confirmed Trolleys*". Jgħid li Jonathan irrispondih u qallu li kien ser jipproċedi immedjatament billi jordna 75 trolley ta' 210 litri. Jgħid li fis-7 ta' Lulju, Jonathan ikkonfermalu li *trolleys* kienu ordnati. Ġara però li lejn l-aħħar ta' Lulju Jonathan kien informah li kien ser ikollhom problema bit-*trolleys* u li mhux ser jiġu fil-ħin kif previst minħabba li l-Italja kienu ser jidħlu fil-ferragosto u kellhom xi ordnijiet li ser jaqaw b'lura. Jgħid li huwa qabdu paniku kbir u qallu biex jara x'jista' jagħmel biex jiddobba xi ħaġa biex ikun jista' jibda bihom. Jgħid li Jonathan kien offrielu li jkellem lil ċertu Ray Mintoff, sid tal-GS Group. Qal li wara li ma sema' xejn mingħand Jonathan wara jumejn huwa ikkuntattja lil Ivan Ghio li kien imsiefer ma' Ray Mintoff. Qal li wara xi jumejn Jonathan ċempillu u qallu li Mintoff induna min ried it-*trolleys* u ma riedx isellifhom peress li huma kompetituri ta' xulxin. Qal li huwa kien informah lil Sciberras li ser jara x'ser isib fis-suq u li jsib ser jixtri imqar biex jibda bihom. Jgħid li huwa kien sab kumpanija li kellha 35 trolley però mhux id-daqs li riedhom hu iżda ta' 180 litri u 130 litri. Qal li dik il-kumpanija għamlitilhom il-kunsinna dik il-ġurnata stess u ħallsuha mill-ewwel. Jgħid li huwa ċempel lil Jonathan u informah li kien xtara 35 trolley u li mill-ordni ta' 75 kien ser jieħu 40. Jgħid li Jonathan qallu li mhux problema, u li kemm jaqla' l-logo u jbiegħhom u baqgħu hekk. Jgħid il l-ħanut fetħuh fit-18 t'Awwissu 2017. Qal li huwa fetaħ b'żewġ *sizes* ta' *trolleys* u mhux normali għal ħanut ġdid fejn is-soltu jkun hemm uniformità. Qal li s-*sizes* ideali għal ħanut kien ta' 210 litri. Qal li kien fit-28 ta' Settembru 2017 li Jonathan informah li kienu waslu t-*trolleys*. Qal li huwa kien fakkru li huwa kien diġà xtara u li kien hemm ftehim verbali li l-ammont kien ser jitnaqqas għal 40 trolley. Ix-xhud ippreżenta *job card* ta' 40 *iceland shopping trolleys*. Qal li hemmek waqaf kollox. Qal li nelfrattemp huma baqgħu jitolbu lis-soċjetà attriċi tissupplixihom b'dak li kellhom bżonn u s-soċjetà attriċi baqgħet tatihom servizz. Qal li huma kienu baqgħu jixtru l-affarijiet minn għandhom u sabiex jipprova dan ippreżenta fattura datata 9 ta' Frar 2018[6]. Aquilina kompla jispjega li f'Jannar 2018 kien ċempillu Sciberras u qallu li kien hemm ħanut li kien

[6] Fol 88 tal-proċess.

qiegħed f'idejhom ġo Marsascala li kien għadu ġebel u saqaf u li ta' min jikkunsidrah sabiex jiftħuh bħala Iceland. Qal li nelfrattemp huma kienu qegħdin jinnegozjaw ħanut ieħor fl-istess lokalità u lil Sciberras qallu b'dan kollu. Qal li għal ħabta ta' Marzu huma kkonkludew il-kuntratt għal fond ta' Wied il-Għajn u qal li lil Sciberras kien ċempillu fuq affarijiet oħra u kien staqsih kif baqgħu fuq ta' Wied il-Għajn. Ix-xhud qal li huwa kien qallu li kienu kkonkludew u Sciberras staqsih meta ġej ikejjel. Qal li huwa kien qal lil Jonathan li din id-darba ħa jaraw x'hawn fis-suq. Għal nofs Marzu ikkonkludew kuntratt li ma kinitx is-soċjetà attriċi fuq xkaffar u *supplies* tal-ħanut ta' Wied il-Għajn u "*kif appena sar jaf li mhux ser naħdmu miegħu Jonathan bagħtilna email fejn kien qiegħed jitlobna li nieħdu t-trolleys li ma konniex ħadna kif ukoll li kien ser jinvocjana għal storage charge ta' €35 per day plus VAT.*"[7]

In kontro-eżami mistoqsi jekk kienx hu li ħa ħsieb kważi kollox waqt il-laqgħa tal-5 ta' Lulju, ix-xhud ikkonferma. Dwar il-logo tat-*trolleys* jgħid li kien Jonathan li offrilu li jiġu ordnati bil-logo. Mistoqsi dwar it-terminu li kien qallu li ser idumu t-trolleys biex jiġu. Ix-xhud jgħid li Jonathan qallu 6 - 8 ġimgħat bil-fomm u fl-email kiteb 6 – 7 ġimgħat u dan għalihom kien *lead time* u ċioe iż-żmien minn meta ssir l-ordni sa meta tkun ser isir il-kunsinna. Mistoqsi jekk kienx informa lil Jonathan Sciberras li kien ordna m'għand ħaddieħor, ix-xhud jgħid li dan kien għamlu b'sms. Mistoqsi jekk dawk it-trolleys kinux orħos, ix-xhud jgħid li kienu ftit iżgħar.

12. Xehed **Simon Said** permezz t'affidavit fejn fisser li huwa direttur tas-soċjetà konvenuta li tiġġestixxi fost oħrajn is-supermarket Iceland. Fisser li Aquilina kien qiegħed jieħu ħsieb il-loġistika tal-ħanut li kien ser jinfetaħ il-Mosta. Jgħid li huwa jaf li Aquilina innegozja mas-soċjetà attriċi li min-naħa tagħhom aċċertaw lil Aquilina u dan bil-miktub li t-trolleys kienu ser jaslu fil-ħin. Jgħid li huma bbażaw l-ftuħ uffiċċjali tas-supermarket fuq il-fatt li s-soċjetà attriċi aċċertawhom li ser ikollhom it-*trolleys* f'data partikolari. Jgħid li s-soċjetà attriċi ma żammitx kellmitha u meta ġiet biex jiftħu huma kienu baqgħu bla *trolleys*. Jgħid li huma kienu diġà impjegaw tmintax-il impjegat u kellhom is-supermarket mimli bl-istock li uħud minnu jitlaq (*perishables*) kif ukoll kellhom ftehim mas-*suppliers* u għalhekk ma kienx hemm mod ieħor, skont ix-xhud, għajr li jsibu soluzzjoni sabiex iżommu d-data prevista għall-ftuħ. Jgħid li David Aquilina kien irnexxilu jixtri *trolleys* li kienu fl-istock ta xi *supplier* ġewwa Malta. Ix-xhud spjega li "*t-trollies li xtara David f'disperazzjoni sabiex nifthu kienu differenti minn dawk li ordnajna. B'hekk meta waslu t-trollies li konna ordnajna – ġimghat shah wara li suppost kellhom jaslu – spiċċajna bi trollies li mank jidhlu go xulxin!*"[8] Qal li huwa kien "ixxukjat"[9] meta ra r-rati tal-ħażna li qiegħda tippretendi s-soċjetà attriċi u dan meta ma kellhom ebda ftehim ta' ħażna mas-soċjetà attriċi. Qal li huwa kien indaga biex jara kemm effettivament jista' jiswa *storage* ġewwa Malta.

---

[7] Fol 74 tal-proċess.

[8] Fol 94 tal-proċess.

[9] *ibid.*

Jgħid li dak li qiegħda tippretendi s-soċjetà attriċi huwa €5 għal 10 metri kubi u jgħaddi sabiex ifisser li garaxx żgħir ta' vettura waħda fih total ta' 48 metri kubi. Ix-xhud għadda sabiex ippreżenta l-istejjem li huwa talab.

In kontro-eżami ġie mistoqsi jekk il-kuntatt kienx bejn is-soċjetà attriċi u David Aquilina f'din il-kwistjoni, ix-xhud jgħid li iva. Mistoqsi jekk David Aquilina huwiex azzjonist biss, ix-xhud wieġeb li huwa azzjonist ta' nofs il-kumpanija iżda mhux direttur. Mistoqsi jekk Aquilina kienx impjegat, ix-xhud jgħid li iva. Mistoqsi jekk kienx ta struzzjonijiet lil David Aquilina biex isib *trolleys* oħrajn, ix-xhud fisser li Aquilina kien qed jieħu ħsieb dik il-biċċa tax-xogħol. Mistoqsi jekk allura kienx Aquilina li qal lis-soċjetà attriċi li kienu qegħdin tard fil-kunsinna tat-trolleys u biex ma jeħduhomx kollha, ix-xhud iwieġeb iva hekk suppost għalkemm jgħid li huwa ma kienx involut direttament.

Ikkunsidrat;

**Fatti pertinenti**

13. Fil-bidu ta' Lulju 2017, is-soċjetà konvenuta ikkuntattjat lis-soċjetà attriċi sabiex tissupliha b'diversi materjal għall-ftuħ tal-ħanut tal-merċa kbir ġewwa l-Mosta, inkluż il-provvista ta' *trolleys*. Waqt laqgħa li saret fil-5 ta' Lulju2017 ġewwa l-ħanut li kien ser jinfetah mis-soċjeta' konvenuta, David Aquilina, azzjonist tas-soċjetà konvenuta, kien informa lil Jonathan Sciberras, direttur tas-soċjeta' attriċi, li d-data prevista tal-ftuħ hija l-ġimgħa ta' Santa Marija u ċioe bejn l-14 u l-20 t'Awwissu 2017.

14. Fis-6 ta' Lulju 2017 s-soċjeta' attriċi bgħatet lis-soċjeta' konvenuta stima dwar 75 *trolley* ta' 210 litri il-wieħed[10] wara li s-soċjetà attriċi fl-istima mibgħuta intrabtet illi l-konsenja ssir "*lead time is around 5 – 6 weeks*"[11].

15. Lejn l-aħħar ta' Lulju s-soċjeta' attriċi avżat lis-soċjeta' konvenuta illi t-trolleys ma kienux ser jaslu fil-ħin għall-ftuħ tal-ħanut pero' ma pprovdit lis-soċjeta' konvenuta bl-ebda soluzzjoni termporanja. Kien għalhekk li s-soċjeta' konvenuta kienet kostretta li tixtri numru ta' trolleys sabiex il-klijenti tagħha jkollhom biex jinqbdew meta jinfetaħ il-ħanut. Il-ħanut eventwalment fetaħ fit-18 t'Awwissu.

16. Fit-28 ta' Settembru 2017 s-soċjeta' attriċi konsenjat 40 trolley[12] lis-soċjeta' konvenuta li aċċettathom pero' rrifjutat il-konsenja tar-rimanenti 35 trolley għar-raġunijiet ġia spjegati.

---

[10] Korrispondenza li saret l-ordni a fol 82 tal-proċess.

[11] Fol 79 tal-proċess.

[12] *Delivery note* a fol 83 tal-proċess.

17. Fit-28 ta' Marzu 2018 Jonathan Sciberras għas-soċjeta' attriċi informa lil David Aquilina għas-soċjeta' konvenuta, li kien fadal pendenti l-ħlas tat-trolleys li ma kinux ittieħdu kif ukoll ħlas għall-ħażna tagħhom bir-rata ta' €35 eskluż VAT għal kull ġuranta.David Aquilina dak inhar stess irrispondih u qallu li mhu ser ikun hemm ebda ħlas għat-*trolleys* iż-żejda.[13]

18. Is-soċjetà attriċi għaddiet sabiex resqet l-azzjoni odjerna.

Ikkunsidrat;

**Kunsiderazzjonijiet**

19. Din hi kawża għall-ħlas ta' prezz ta' 35 trolley ordnat mis-soċjeta' konvenuta kif ukoll għall-ħlas ta' kumpens għal immaganizzar tagħhom wara li l-konvenuta irrifjutat il-konsenja tagħhom peress li ma ġewx konsenjati fit-terminu pattwit.

20. Mill-atti jirriżulta li hemm qbil li fis-6 ta' Lulju, 2017 is-soċjetà konvenuta ordnat mingħand is-soċjeta' attriċi 75 *trolley* bil-logo "iceland' fuqu sabiex jintużaw fil-ħanut tal-merċa bl-isem Iceland ġewwa l-Mosta ġestit mill-konvenuta. Hemm qbil ukoll li s-soċjetà konvenuta ħadet biss parti mill-ordni li għamlet u għal dawk it-*trolleys* li ħadet ħallset għalihom.

21. L-azzjoni attriċi tirrigwarda il-ħamsa u tletin (35) *trolley* l-oħra li s-soċjetà konvenuta irrifjutat il-konsenja tagħhom peress li ssostni illi l-konsenja tagħhom kienet ser issir żmien sew wara ż-żmien mifthiem u li għalhekk kienet kostretta illi tixtri trolleys mingħand terzi sabiex tinqeda u tkun tista' tiftaħ il-ħanut kif ippjanat. Is-soċjetà attriċi mill-banda l-oħra tinsisti li s-soċjetà konvenuta għandha tħallas għalihom kif ukoll tħallas għall-ispazju, ta' madwar 10 metri kubi, li dawn it-*trolleys* ilhom jieħdu fil-maħżen tagħha.

22. Bħala prinċipju ġenerali n-norma stabbilita tad-dritt probatorju bl-**Artikolu 562 tal-Kapitolu 12** hi li "*l-obbligu tal-prova ta' fatt imiss dejjem lil min jallegah*." Kif ġie dikjarat fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) fl-ismijiet **Joseph Zammit vs. Joseph Hili,** mogħtija fis-27 ta' Ġunju 1953 "*ma hux dubitat li r-regola generali hi l-"onus probandi" hu fuq min jafferma fatt u mhux fuq min jinnegah - "ei incumbit probatio qui dicit, non ei qui negat"*." In oltre din il-prova trid tkun l-aħjar waħda fiċ-ċirkostanzi biex tissostanzja l-allegazzjoni (**Artikolu 559** tal-Kapitolu 12).

23. F'dan il-kuntest, relevanti ħafna huwa dak li ntqal fil-każ **Chef Choice Limited vs Raymond Galea et** deċiża mill-Qorti Ċivili, Prim'Awla fis-26 ta' Settembru 2013, ingħad hekk:

---

[13] Korrispondenza a fol 50 tal-proċess.

"Illi l-Qorti tqis li ghalkemm il-grad ta' prova fil-procediment civili mhuwiex wiehed tassattiv daqs dak mistenni fil-procediment kriminali, b'daqshekk ma jfissirx li l-provi mressqa jridu jkunu anqas b'sahhithom. Il-prova mistennija fil-qasam tal-procediment civili ma tistax tkun semplici suppozizzjoni, suspett jew kongettura, imma prova li tikkonvinci lil min irid jaghmel gudizzju."

F'dan l-istess każ, kompla jingħad:

"Illi minbarra dan, il-parti attrici ghandha l-obbligu li tipprova kif imiss il-premessi ghat-talbiet taghha b'mod li jekk tonqos li taghmel dan, iwassal ghall-helsien tal-parti mharrka (ara App. Inf. – JSP – 12 ta' Jannar 2001**, Hans J. Link et vs Raymond Mercieca**). Il-fatt li l-parti mharrka tkun ressqet verzjoni li ma taqbilx ma' dik imressqa mill-parti attrici ma jfissirx li l-parti attrici tkun naqset minn dan l-obbligu, ghaliex jekk kemm 'il darba l-provi cirkostanzjali, materjali jew fattwali jaghtu piz lil dik il-verzjoni tal-parti attrici, il-Qorti tista' taghzel li toqghod fuqha u twarrab il-verzjoni tal-parti mharrka. Min-naha l-ohra, il-fatt li l-parti mharrka ma tressaqx provi tajba jew ma tressaq provi xejn kontra l-pretensjonijiet tal-parti attrici, ma jehlisx lil din milli tipprova kif imiss l-allegazzjonijiet u l-pretensjonijiet taghha (ara - App. Inf. PS - 7.5.2010 – **Emanuel Ellul et vs Anthony Busuttil**).

Illi huwa ghalhekk, li l-ligi torbot lill-parti f'kawza li tipprova dak li tallega (ara l-**Art. 562 tal-Kap 12**) u li taghmel dan billi tressaq l-ahjar prova (**Art. 559 tal-Kap 12**)."

24. Rilevanti wkoll dak li ingħad fis-sentenza **Kenneth Cassar vs. Samy El Saghir pro et noe** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) fit-23 ta' Novembru 2005:

"Huwa indubitat illi min irid jivvalora dritt li jippretendi li ghandu jehtieglu jipprova l-fatti li jikkostitwixxu l-fondament ta' dak l-istess dritt. Dan fis-sens illi jinkombi bi dmir fuq il-parti li tallega fatt favorevoli ghaliha li taghti prova ta' l-ezistenza tal-fatt. Skond id-dritt probatorju, il-karattru favorevoli tal-fatti allegati huwa kriterju ta' distribuzzjoni ta' l-oneru tal-provi. Dan kemm jekk il-fatti jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat ("*actori incumbit probatio*") u sija jekk il-fatti jingiebu a bazi ta' l-eccezzjoni tal-konvenut biex jikkontrastaw l-pretiza ta' l-attur ("*reus in excipiendo fit actor*"). Huma dawn ir-regoli legali ta' gudizzju li jikkonsentu lill-gudikant japproda ghal decizjoni fil-meritu;"

**L-Obbligi tal-Bejjiegħ.**

25. Il-kuntratt li kellhom bejniethom il-partijiet kien wieħed ta' bejgħ/xiri ta' merkanzija. Kif jinsab stipulat f'**Artikolu 1346 tal-Kodiċi Ċivili** l-bejgħ huwa rabta bejn parti li tobbliga ruħha għall-kunsinna tal-oġġett suġġett tal-bejgħ u l-

parti l-oħra li tintrabat li tħallas il-prezz miftiehem. Il-bejgħ u ċioe **r-rabta** tal-kunsinna u l-ħlas huwa meqjus perfett jew komplut[14] meta "għall-bejjiegħ, il-proprjetà tal-ħaġa tgħaddi għand ix-xerrej, malli jsir il-ftehim fuq il-ħaġa u fuq il-prezz, għalkemm il-ħaġa tkun għad ma ġietx ikkunsinnata u lanqas ma jkun għad tħallas il-prezz; u minn dak il-ħin il-ħaġa nfisha tibqa' għar-riskju u għall-użu tax-xerrej."[15]

26. Fil-każ odjern il-ftehim fuq il-ħaġa u fuq il-prezz intlaħaq fis-6 ta' Lulju, 2017 fit-termini tal-**Artikolu 1347 tal-Kodiċi Ċivili**. Minn dak inhar 'il quddiem il-venditur, ċioe, is-soċjetà attriċi, daħlet f'obbligu a favur is-soċjeta' konvenuta li tikkonsenja l-merkanzija ordnata fit-terminu miftiehem u dan ai termini tal-**Artikolu 1378 tal-Kodiċi Ċivili** li jipprovdi illi "Il-bejjiegħ għandu fuq kollox żewġ obbligi, jiġifieri, li jikkunsinna, u li jiggarantixxi l-ħaġa mibjugħa".

27. Inżamm illi: " ... riferibilmente al rifiuto degli attori di ricevere le centoquarantuna ceste offerte dal convenuto in esecuzione delle sue obbligazioni ed in aggunta alle prime settantre gia' consegnate e ricevute - se la consegna della cosa venduta costituisce a senso dell'articolo 1092 dell'Ordinanza No. VII del 1868 (illum artikolu 1378 tal-Kodiċi Ċivili) una delle principali obbligazioni del venditore, egli ha anche l'incontrastabile diritto di esigere che nell'atto stesso in cui egli si accinge a consegnare la cosa, il compratore si presti a riceverla. Tale diritto del venditore e' giustificato, in casi simili al presente, dall'interesse che egli ha liberarsi dalle merci vendute sia per sgombrare i propri magazzini, sia per sottrarsi alle cure delle loro conservazione e custodia ed alle conseguenti responsabilita', sia pure per ricevere il relativo prezzo da servigli per l'acquisto di altre merci o di altro materiale da adoperare nella attivazione della sua industria. Che avendo gli attori ingiustamente rifiutato di ricevere la consegna di quasi la meta' dell'intero quantitativo comprato essi non hanno diritto d'insistere per l'esecuzione della vendita e molto meno essi hanno titolo a risarcimento di danni; poiche' secondo la legge quanto il compratore e' in mora nel ricevere la consegna delle cose mobili comprate ha luogo la risoluzione della vendita 'ipso jure' nell' interesse del venditore; e quindi gli attori non hanno diritto di chiedere l'esecuzione di una vendita; e quindi gli attori non hanno diritto di chiedere l'esecuzione di una vendita che per fatto loro e' rimasta di legge risoluta nell' interesse del convenuto ne' potrebbe essere ammessi a chiedere danni per un fatto che e' semplicemente la conseguenza del loro inadempimento." (**Carmelo Saliba et. v. Paolo Mercieca** - Appell Kummerċjali - 7 ta' Jannar, 1920).

28. L-inadempjenza tal-kunsinna jew il-kunsinna tardiva ġġor magħha d-danni kif rikonoxxut mill-Artikolu 1386 tal-Kodiċi Ċivili. (ara **Surprise Yachts Limited v. Joseph Rosso pro et noe** - Prim' Awla - 21 ta' April, 2004). Ix-xerrej jista'

[14] Fit-text Ingliż hija użata l-kelma 'complete'.

[15] Artikolu 1347 tal-Kodiċi Ċivili.

jillimita l-azzjoni tiegħu kontra l-bejjiegħ inadempjenti għar-riżarċiment tad-danni konsegwenzjali. Huwa magħruf illi speċjalment fil-qasam tal-kummerċ u b'mod partikolari fil-bejgħ ta' merċi, il-mument tal-konsenja huwa kruċjali peress illi anke jum wieħed jista' jkollu effetti devastanti għax-xerrej. Rilevanti s-sentenza **ENI SPA v. ERG SPA** tal-Qorti Suprema ta' Kassazzjonni Taljan mogħtija fid-9 ta' Frar, 2022[16] f'każ li kien jirrigwarda konsenja ta' fuel, liema konsenja saret ftit jiem tard bil-konsegwenza illi bejn id-data li suppost kellha ssir il-konsenja u d-data li fiha effettivament saret il-konsenja, fis-suq mondjali kien hemm riduzzjoni drastika fil-prezz tal-fuel bil-konsegwenza illi ENI spiċċat li kellha tbiegħ il-fuel mixtri mingħand ERG bi prezz aktar baxx milli xtratu. Il-Qorti Taljana ddikjarat illi ERG kienet inadempjenti fl-obbligi tagħha qua venditur u kkundannatha tħallas id-danni konsegwenzjali sofferti minn ENI b'riżultat dirett tal-konsenja tardiva.ċs

29. **Artikolu 1380** ifisser li "Il-kunsinna ta' ħwejjeġ mobbli ssir jew billi dawn il-ħwejjeġ jiġu mgħoddija f'idejn ix-xerrej, jew billi jingħataw f'idejh l-imfietaħ tal-lok fejn dawn il-ħwejjeġ mobbli jkunu qegħdin, jew billi jingħataw lilu d-dokumenti illi l-kunsinna tagħhom, skont il-liġi, issarraf daqs kieku ġew mogħtija l-ħwejjeġ li għalihom dawk id-dokumenti jirriferixxu, jew billi l-bejjiegħ iġiegħel li x-xerrej jiġi magħruf mill-persuni li fil-pussess tagħhom tkun tinsab il-ħaġa."

30. Jekk il-bejjiegħ idum aktar miż-żmien miftiehem biex jagħmel il-kunsinna, "ix-xerrej jista' jitlob, kif jagħżel hu, jew li l-kuntratt jiġi maħlul, jew li huwa jiġi mqiegħed fil-pussess tal-ħaġa mibjugħa, iżda dan kemm-il darba d-dewmien ikun ġie kkaġunat mill-bejjiegħ biss." (**Artikolu 1385**). Japplika wkoll **Artikolu 1404**: "Fil-każijiet kollha li x-xerrej għandu jedd li jerġa lura mill-kuntratt, il-bejjiegħ għandu jroddlu, mal-prezz li jkun irċieva, l-ispejjeż tal-kuntratt u kull spiża leġittima oħra li jkollha x'taqsam mal-bejgħ."

31. Jiġi osservat li **Artikolu 1391** jipprovdi li b'mod ġenerali l-ħlas u l-kunsinna huma kondizzjonijiet li jimxu flimkien, sakemm il-bejjiegħ ma jkunx ta lix-xerrej żmien għall-ħlas. Darba hemm bejgħ, jitwieled fill-bejjiegħ l-obbligu tal-kunsinna. Il-bejjiegħ mhux obbligat jikkunsinna l-ħaġa f'każ li x-xerrej ma jħallasx il-prezz tagħha. Min-naħa l-oħra, jekk ix-xerrej ma jħallasx il-prezz, il-bejjiegħ għandu dritt li jżomm l-oġġett mibjugħ bħala garanzija tad-drittijiet tiegħu u jikkonserva b'dan il-mod il-pussess ta' l-istess oġġetti biex ikun jista' jeżerċita d-drittijiet tiegħu fuqhom ukoll.

32. Id-danni kontrattwali għandhom funzjoni riparatriċi u ma għandhomx ikunu strumenti ta' piena lill-kontraenti inadempjenti, jew ta' lukru indebitu favur kontraent ieħor, imma biss rientigrazzjoni tal-partimonju tad-danneġjant fil-miżura li sofra d-dannu. Il-prinċipju normali tar-riżarċiment hu dak li d-dannu

[16] Ricorso numero 12689-2017

hu determinat mid-differenza bejn il-prezz stipulat u l-prezz tas-suq fiż-żmien li kellha ssir il-konsenja. Huwa għalhekk li r-riżarċiment għandu l-funzjoni riparatriċi u għandhom rilevanza l-kliem fl-Artikolu 1386 illi d-danni huma dawk riżultanti "minħabba n-nuqqas tal-kunsinna fiż-żmien miftiehem". F'kaz li ma jkunx ġie miftiehem żmien speċifiku għall-kunsinna, xorta waħda kunsinna tardiva tista' twassal għar-responsabbilta' għad-danni konsegwenzjali jekk jirriżulta li d-dewmien kien lil hinn minn żmien raġjonevoli. (ara **Anthony Richard Calleja noe. v. Joseph Mamo pro et noe** - Appell Kummerċ - 4 ta' Mejju, 1953).

33. Permezz tal-ewwel talba tagħha l-attriċi qed titlob lill-Qorti sabiex "Tiddikjara illi s-soċjeta' rikorrenti hija kreditriċi tas-soċjeta' intimata f'somma li għad trid tiġi likwidata minn din il-Qorti rappresentanti bilanċ dovut fuq merca ordnata mis-soċjegta' intimata".

34. Il-Qorti osservat li filwaqt li s-soċjeta' attriċi qiegħda tagħmel talba għall-ħlas tat-*trolleys* fl-istess ħin ma għamlitx talba sabiex il-Qorti tordna lis-soċjetà konvenuta tilqa' l-kunsinna tat-*trolleys* rimanenti. Kif imfisser aktar 'l fuq, il-kunsinna u l-ħlas imorru id f'id u ma jistax isir wieħed mingħajr ma jsir l-ieħor.

35. Huwa minnu li hemm istanzi fejn ġie mfisser li d-dikjarazzjonijiet magħmulin mill-attur fil-premessi u li minnhom jitnisslu t-talbiet tiegħu ma kinux jeħtieġu li tali dikjarazzjonijiet jissawru fl-għamla ta' talba formali. F'dan is-sens issir referenza għas-sentenza fl-ismijiet **Armando Tramontano vs. Dragonara Casino Limited** deċiża minn din il-Qorti diversament preseduta fl-14 ta' Novembru 2002:

   "Illi ngħad mill-qrati tagħna li d-dikjarazzjonijiet li minn żmien għal żmien ikunu meħtieġa biex l-attur jasal għal xi waħda mit-talbiet tiegħu, m'hemmx bżonn li jsiru fiċ-ċitazzjoni fil-forma ta' talba [Ara App. 6.3.1996 fil-kawża fl-ismijiet **Ivor Zammit et vs Michael Zammit Tabona noe** (Kollez. Vol: LXXX.i.454) u s-sentenzi hemm imsemmija];

   Illi l-Qorti tifhem li jekk it-talba attriċi għandha tiġi mgħarbla kif imiss, din trid issir strettament fid-dawl ta' dak li jingħad fil-premsssi. Kieku ma jkunx hekk, taqa' kull bażi li fuqha t-talba tista' tintlaqa'. Bilkemm għandu għalfejn jingħad ukoll li f'att ta' Ċitazzjoni, mhux kull premessa li hija ppruvata, jew mhux kontestata, jeħtieġ li jkun hemm provvediment speċifiku dwarha fis-sentenza;

   Illi, fl-aħħarnett, ma jirriżultax li bin-nuqqas allegat mill-imħarrka fl-att taċ-ċitazzjoni, hija ġarrbet b'dak in-nuqqas xi preġudizzju li ma jistax jissewwa jekk mhux bit-tħassir tal-att".

36. Fid-deċiżjoni **Maltacom plc vs. Angelo Schembri** deċiża mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri) mogħtija fis-16 ta' Diċembru 2002 ġie riaffermat li:

"in kwantu t-talba dikjaratorja pre-ordinata ghall-kundanna mhiex rekwizit 'sine qua non' li minghajra l-avviz hu monk. Hu pacifiku fil-gurisprudenza Maltija illi d-domanda tista' tigi inferita u jew sostenuta "per equipollens". (Vol XXXVI pI p105). U billi d-domanda ghal kundanna ghall-hlas tas-somma tad-danni ghandha implicita fiha r-responsabilita' li tat lok ghal dawk id-danni ma hijiex irritwali d-domanda li biha tintalab il-kundanna minghajr ma jkun hemm ukoll fl-Avviz it-talba ghad-dikjarazzjoni tar-responsabilita'.

Jinsab in fatti stabbilit illi "d-dikjarazzjonijiet li talvolta jkunu mehtiega biex l-attur jasal ghal xi wahda mid-domandi tieghu, m'hemmx bzonn li jsiru fic-citazzjoni taht forma ta' domandi." (Vol XXXIII pI p666)"[17]

37. Iżda hawn il-Qorti tosserva li t-talba li s-soċjeta' attriċi naqset milli tressaq ma hijiex dik waħda sempliċement dikjaratorja . Fil-premessi jingħad illi it-trolleys li tagħhom l-attriċi qed titlob il-kundanna tal-ħlas tal-prezz għadhom għandha. L-ebda talba ma tresqet sabiex is-soċjeta' konvenuta tiġi kkundannata taċċetta l-konsenja ta' dak minnha ordnat. Lanqas jirriżulta li dawn it-trolleys ġew depożitati taħt l-awtorita' tal-qorti.

38. Huwa prinċipju stabbilit li fl-għoti ta' sentenza l-imħallef ċivili għandu joqgħod rigorożament ma' dak mitlub, u joqgħod strettament għat-termini tal-kawżali u t-talba kif miġjuba fir-rikors ġuramentat. Is-sentenza għalhekk trid tirrispekkja dik it-talba konsiderata fid-dawl tal-provi prodotti u tal-prinċipji tad-dritt applikabbli għalihom, tenut kont tal-eċċezzjonijiet sollevati mill-konvenut u ma tistax' il-Qorti tiddeċiedi dwar talbiet li ma sarux. Altrimenti tkun qiegħda tagħti sentenza *ultra petita*. (ara **Charles Grech et vs. John Agius** - Prim' Awla - 21 ta' April, 2016; **Carmelo Cassar vs Victor Żammit** - Appell Inferjuri - 23 ta' Ġunju, 2004).

39. Għaldaqstant dak li ma ntalabx ma jistax jiġi deċiż u ċioe ma tistax tordna lis-soċjetà konvenuta tieħu t-*trolleys* li hija ordnat jekk tali talba ma' saritx. Kif ġia ingħad il-ħlas imur flimkien mal-konsenja u għalhekk ma tistax lanqas tordna li jsir il-ħlas ġaladarba l-konsenja mhux ser issir.

40. Fi kwalunkwe każ, irriżulta illi s-soċjeta' konvenuta avzat lis-soċjeta' attriċi qabel ma għamlet l-ordni illi t-trolleys kellha bżonnhom għal stabbiliment kummerċjali ġdid li kienet qed tippjana li tiftaħ għal ħabta ta' Santa Maria. Fis-6 ta' Lulju, 2017 is-soċjeta' attriċi bgħatet email lis-soċjeta' konvenuta bl-istima kif ukoll bil-kondizzjoni illi l-ordni, jekk konfermata, tiġi kkonsenjata fi żmien ħames jew sitt ġimgħat. Is-soċjeta' konvenuta, dakinhar stess tas-6 ta' Lulju,

[17] Ara wkoll **Michael Cachia vs. Denis Jacques** mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fl-4 ta' Marzu 1957.

2017, ikkonfermat l-ordni u kompliet bil-pjanijiet tagħha li tiftaħ l-istabiliment fit-18 ta' Awissu, 2017.

41. Jirriżulta mill-atti illi r-rappreżentant tas-soċjeta' attriċi, Jonathan Sciberras xhed il-falz meta jgħid illi huwa kien avża lir-rappreżentant tas-soċjeta' attriċi qabel saret l-ordni illi l-konsenja kienet ser tieħu bejn tmienja (8) jew għaxar (10) ġimgħat.

42. Effettivament is-soċjeta' attriċi ġiet biex tikkonsenja l-merkanzija mertu tal-kawża mhux f'nofs Awissu iżda lejn l-aħħar ta' Settembru meta allura s-soċjeta' konvenuta kienet ilha li fetħet l-istabbiliment tagħha kif ippjanat u kienet kostretta li tixtri mingħand terzi dak li setgħat sabiex il-klijenti jkunu jistgħu jinqdew. Difatti l-40 trolley li s-soċjeta' konvenuta aċċettat ġew ikkonsenjati fit-28 ta' Settembru, 2017.

43. Minn dan kollu jirriżulta illi s-soċjeta' konvenuta kellha kull raġuni valida sabiex tirrifjuta l-konsenja tal-kumplament tat-trolleys u konsegwentement ma għandha l-ebda obbligu li tħallas dak li s-soċjeta' attriċi qed titlob permezz tal-kawża odjerna.

44. Stabbilit li s-soċjeta' konvenuta kellha raġuni valida sabiex tirrifjuta l-konsenja ta' 35 trolley, isegwi illi t-talbiet attriċi dwar il-pretensjoni tas-soċjeta' attriċi għal ħlas minħabba l-immagazzinar ta' dawk il-35 trolley hija wkoll infondata u qed jiġu respinti.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi,

1. **Tilqa'** t-tieni, ir-raba' u l-ħames eċċezzjoni tas-soċjeta' konvenuta.

2. **Tiċħad** it-talbiet attriċi;

   **Bl-ispejjeż** kontra s-soċjeta' attriċi.

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**
25 ta' Ottubru, 2024

**Deputat Reġistratur**